

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-26 ta' Jannar 2018

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank

(BĊE/2018/1)

(2018/C 37/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) L-Artikolu 37(1) tal-Att Federali Awstrijakk dwar l-Oesterreichische Nationalbank jistipula illi l-Laqgħa Ġenerali tal-Oesterreichische Nationalbank teleġġi awditur estern alternattiv għal perijodu pluriennali ta' massimu ta' ħames snin. L-awditur estern alternattiv jingħata l-mandat biss f'każ li l-awditur estern ma jstax iwettaq il-verifika.
- (3) Il-mandati kemm tal-awdituri esterni kurrenti kif ukoll tal-awdituri esterni alternattivi kurrenti tal-Oesterreichische Nationalbank intemmu wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2017. Huwa għalhekk meħtieġ illi jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2018.
- (4) L-Oesterreichische Nationalbank għażel lil Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. bħala l-awditur estern tiegħu u lil Deloitte Audit Wirtschaftsprüfung GmbH bħala l-awditur estern alternattiv għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

1. Huwa rakkomandat illi Ernst & Young GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft għandhom jinħatru bħala l-awditur estern tal-BĊE għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022.
2. Huwa rakkomandat illi Deloitte Audit Wirtschaftsprüfung GmbH għandhom jinħatru bħala l-awditur estern alternattiv tal-Oesterreichische Nationalbank għas-snin finanzjarji 2018 sa 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-26 ta' Jannar 2018.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI